# Kronoloġija ta' ġrajjiet importanti fl-istorja tal-Knisja Parrokkjali ta' Santa Marija, B'Kara

**Minn Sandro Sciberras**

**A. Żmien Medjevali**
Seklu 16 bikri: Kienet diġà teżisti knisja ddedikata lil Santa Marija u lil Sant'Elena fuq l-istess sit.
Żona madwar il-knisja medjevali tkun użata bħala ċimiterju.
F'dan iċ-ċimiterju biswit il-knisja kien hemm żewġ kappelli oħra żgħar.

**B. Seklu 17**
c. 1615: Jibda x-xogħol fuq il-knisja preżenti.
1615-1618: Jitwaqqgħu ż-żewġ kappelli fiċ-ċimiterju biex jagħmlu wisa' għall-bini tal-knisja l-ġdida.
c.1634: Titlesta l-korsija.
c.1636-39: Jitlestew il-kappelluni tal-ġnub.
c. 1642: Jitlesta l-kor.
c.1646: Il-knisja tkun lesta minn ġewwa, iżda mingħajr l-artali tal-ġnub.
Insibu l-ewwel deskrizzjoni tal-knisja minn ġewwa.
Il-knisja medjevali ma tissemmiex iktar: possibilment kienet ġa twaqqgħat.
c. 1656: Titlesta l-koppla.
c. 1679: Jitlesta l-kampnar. Oriġinarjament dan kellu jkun maqtugħ mill-knisja, il-pedamenti tiegħu għadhom midfuna taħt is-sagristija.
Il-knisja ddum tinbena madwar 50-60 sena.

**C. Seklu 18**
Ottubru 1727: Titpoġġa l-ewwel ġebla tal-knisja ta' Sant'Elena.
20 t'Ottubru 1782: Titbierek il-knisja l-ġdida ta' Sant'Elena. Il-knisja ta' Santa Marija bilkemm tibqa' tintuża.
1787: L-Isqof Labini fi żjara li jagħmel, jikteb li s-saqaf kien fil-periklu li jaqa'. Il-bibien u t-twieqi tal-knisja ġew imbarrati, imma setgħet tibqa' tintuża għad-dfin.

**D. Seklu 19**
c. 1830: Jiġġarfu xi partijiet mis-saqaf
24 ta' Ġunju 1856: Terremot iġarraf il-koppla u l-bqija tas-saqaf
Settembru 1894: Imut Mabbli Mallia waqt li kien qed jagħmel xi xogħlijiet ta' tiswija fil-knisja.
24 t'Ottubru 1894: Latterio Vallone (membru tal-Kunsill tal-Gvern) jgħid li l-kampnar kien fil-periklu li jaqa'.

**E. Seklu 20**
3 ta' Diċembru 1910: Jitwaqqaf l-ewwel kumitat għar-restawr tal-knisja.
7 ta' Ottubru 1969: Jibda x-xogħol fuq ir-restawr tal-knisja.
1972: Jitlesta s-saqaf tal-korsija.
13 ta' Marżu 1972: Jinbena ħajt diviżorju bejn il-korsija u l-bqija tal-knisja. B'hekk il-quddies seta' jsir fil-korsija waqt li baqa' għaddej ix-xogħol fil-partijiet wara l-ħajt.
1978: Jibda x-xogħol fuq it-tanbur tal-koppla. Ix-xogħol jieqaf ftit wara u jdum wieqaf 20 sena.
7 ta' Jannar 1991: Titlesta l-koppla.